MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 270/2012

**A V**
**Vs.**
**C V**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat mir-rikorrenti bil-gurament tieghu; li permezz tieghu ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha (7) ta’ April tas-sena elf disa’ mija u erbgha u tmenin (1984) (Ara Dok A – certifikat taz-zwieg anness) u l-partijiet kellhom tifla wahda li jisimha Valerie V li twieldet fl-erbatax (14) ta’ Ottubru tas-sena elf disgha mija tmeinja u tmenin (1988) li llum hija maggorenni. (certifikat tat-twelid tat-tifla anness u mmarkati Dok B);

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Nicholas Vella mis-sebgha u ghoxrin (27) ta’

April tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) (Ara Dok C anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom tlettax (13) il-sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn;

Illi l-manteniment a favur il-mara ma hemmx peress li gie dikjarat li l-partijiet kienu iddekadew mid-dritt tal-manteniment minghand xulxin (ara paragrafu numru hamsa (5) tal-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat Dok C);

Illi manteniment ghat-tifla ma hemmx peress li illum hija maggorenni;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fis-sebgha (7) ta' April tas-sena elf disa' mija u erbgha u tmenin (1984);

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqsekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, illi permezz taghha ippremettiet :

Illi l-esponenti tikkonferma dak kollu kontenut fir-rikors guramentat ipprezentat mir-rikorrenti; b'dan illi tikkonferma :

(i) Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Nicholas Vella mis-sebgha u ghoxrin (27) ta' April tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1998);
(ii) Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi l-partijiet ilhom tlettax il-sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
(iii) Illi l-manteniment a favur il-mara m'hemmx peress li gie dikjarat li l-partijiet kienu iddekadew mid-dritt tal-manteniment minghand xulxin;
(iv) Illi manteniment ghat-tifla m'hemmx peress illi illum hija maggorenni;
Daqstant ghandha unur l-esponeti x'tirrileva ghal gudizzju savju u superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Mejju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' April, 1998 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mir-rikorrenti lejn l-intimata;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------